

# Il-Ġurnal Uffiċjali L 311 I tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 65

3 ta' Diċembru 2022

Werrej

## II Atti mhux leġiżlattivi

### REGOLAMENTI

- ★ **Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/2367 tat-3 ta' Diċembru 2022 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna** ..... 1
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2368 tat-3 ta' Diċembru 2022 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna** ..... 5

### DEĊIŻJONIJIET

- ★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/2369 tat-3 ta' Diċembru 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna** ..... 8

**MT**

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.  
It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.



## II

(Atti mhux leġiżlattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2022/2367

tat-3 ta' Diċembru 2022

**li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/2369 tat-3 ta' Diċembru 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna <sup>(1)</sup>,

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fil-31 ta' Lulju 2014, il-Kunsill adotta r-Regolament(UE) Nru 833/2014 <sup>(2)</sup>, dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna.
- (2) Ir-Regolament (UE) Nru 833/2014 jagħti effett lil ċerti miżuri previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/512/PESK <sup>(3)</sup>.
- (3) Fis-6 ta' Ottubru 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/1909 <sup>(4)</sup>, li introduċiet eżenzjoni mill-projbizzjoni li jiġi pprovdut trasport marittimu u mill-projbizzjoni li tingħata assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew finanzjament jew assistenza finanzjarja, frabta mat-trasport marittimu lejn pajjiżi terzi ta' żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum li joriġinaw mir-Russja jew li jiġu esportati minnha, mixtrija bi prezz li jkun ekwivalenti jew anqas minn dak massimu stabbilit minn qabel miftiehem mill-Koalizzjoni għal-Limitu Massimu tal-Prezzijiet. Dik l-eżenzjoni hija maħsuba biex ittaffi l-konsegwenzi negattivi fuq il-provvista tal-enerġija għal pajjiżi terzi u tnaqqas iż-żieda qawwija f'daqqa fil-prezzijiet ikkawżati minn kondizzjonijiet straordinarji tas-suq, filwaqt li jiġi limitat id-dħul Russu miż-żejt.
- (4) Fit-3 ta' Diċembru 2022 il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/2369, li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK. Id-Deċiżjoni (PESK) 2022/2369 tistabbilixxi l-limitu massimu tal-prezz, jiġifieri meta barmil żejt mhux maħdum mir-Russja jinbiegħ b'dan il-livell massimu, jew irħas minnu, ikun eżenti mill-projbizzjoni li jiġi pprovdut trasport marittimu u mill-projbizzjoni li tingħata assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew finanzjament jew assistenza finanzjarja, relatata mat-trasport marittimu lejn pajjiżi terzi.

<sup>(1)</sup> ĠU L 311 I, 3.12.2022.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 229, 31.7.2014, p. 1).

<sup>(3)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/512/PESK tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 229, 31.7.2014, p. 13).

<sup>(4)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1909 tas-6 ta' Ottubru 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 259I, 6.10.2022, p. 122).

- (5) Id-Deċiżjoni (PESK) 2022/2369 tikkjarifika l-projbizzjoni eżistenti fuq il-kummerċ u s-senserija taż-żejt mhux maħdum u tal-prodotti tal-petroleum Russi u testendi l-eżenzjoni tal-limitu massimu tal-prezz meta tali oġġetti jiġu nnegozjati bil-limitu massimu tal-prezz jew taħtu.
- (6) Id-Deċiżjoni (PESK) 2022/2369 testendi wkoll il-perjodu ta' tranżizzjoni applikabbli għat-trasport taż-żejt mhux maħdum u ta' ċerti prodotti tal-petroleum wara kull bidla sussegwenti fil-limitu massimu tal-prezz għal perjodu ta' 90 jum għall-forniment, dirett jew indirett, ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew finanzjament jew assistenza finanzjarja, relatati mat-trasport, soġġett għall-istess kundizzjonijiet. Din il-miżura hija meħtieġa biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni konsistenti tal-limitu massimu tal-prezzijiet mill-operaturi kollha.
- (7) Id-Deċiżjoni (PESK) 2022/2369 tintroduċi perjodu tranżitorju ta' 45 jum għall-bastimenti li jgħorru żejt mhux maħdum li joriġina mir-Russja, li jkun inxtara u tgħabba fuq il-bastiment qabel il-5 ta' Diċembru 2022 u li jkun inħatt fil-port ta' destinazzjoni finali qabel id-19 ta' Jannar 2023.
- (8) Id-Deċiżjoni (PESK) 2022/2369 tiċċara li l-projbizzjoni li jiġu pprovduti servizzi relatati mat-trasport taż-żejt mhux maħdum Russu jew prodotti tal-petroleum Russi minn bastiment li jtajjar bandiera ta' pajjiż terz tapplika fir-rigward ta' bastimenti li fil-passat ittrasportaw tali oġġetti mixtrija 'l fuq mil-limitu tal-prezz, dment li l-operatur responsabbli għal dak it-trasport kien jaf jew kellu raġuni valida biex jissuspetta li dan kien il-każ. Dan huwa neċessarju biex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali.
- (9) Id-Deċiżjoni (PESK) 2022/2369 tintroduċi eżenzjoni mill-projbizzjoni li jiġi pprovdut trasport marittimu u mill-projbizzjoni li tingħata assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew finanzjament jew assistenza finanzjarja, b'rabta mat-trasport marittimu lejn pajjiżi terzi, fejn meħtieġ għall-prevenzjoni jew il-mitigazzjoni urġenti ta' xi avveniment li x'aktarx ikollu impatt serju u sinifikanti fuq is-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem jew l-ambjent, jew bħala reazzjoni għal diżastri naturali.
- (10) Fl-aħħar nett, id-Deċiżjoni (PESK) 2022/2369 tintroduċi rieżami regolari tal-mekkaniżmu tal-limitu massimu tal-prezzijiet biex titqies l-effettività tal-miżura f'termini tar-riżultati mistennija tagħha, l-implimentazzjoni tagħha, l-aderenza internazzjonali mal-mekkaniżmu tal-limitu massimu tal-prezzijiet u l-allinjament informali miegħu, u l-impatt potenzjali tagħha fuq l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, u biex twieġeb għall-iżviluppi fis-suq, inkluż it-turbolenzi possibbli. Tali rieżami jeħtieġ li jqis l-oġġettivi tal-limitu massimu tal-prezzijiet, inkluż il-kapaċità tiegħu li jnaqqas id-dħul tar-Russja miż-żejt, kif ukoll il-prinċipju li l-limitu massimu tal-prezzijiet għandu jkun mill-inqas 5 % taħt il-prezz medju tas-suq għaż-żejt u l-prodotti petroliferi Russi. Il-prezz medju tas-suq għandu jiġi kkalkulat f'kooperazzjoni mal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija. Kwalunkwe kunsiderazzjoni li potenzjalment taffettwa l-funzjonament u t-termini tal-limitu massimu tal-prezzijiet titressaq fi ħdan il-Koalizzjoni għal-Limitu Massimu tal-Prezzijiet, wara diskussjoni fil-Kunsill. Sabiex l-iżviluppi tas-suq jiġu evalwati fil-ħin, jenħtieġ li rieżami bħal dan jitwettaq minn nofs Jannar 2023 u jenħtieġ li l-Kunsill jerġa' lura għall-kwistjoni kull xahrejn minn hemm 'il quddiem.
- (11) B'kont meħud taċ-ċirkostanzi attwali, li huma ta' sfida għall-kompetittività tal-industrija tat-tbaħħir tal-UE, kif ukoll tal-fatt li l-industrija tat-tbaħħir hija settur tal-ekonomija li qed jirkupra bil-mod, il-Kummissjoni għandha l-intenzjoni li tadotta b'mod urġenti miżuri ta' appoġġ xierqa, inkluż billi, sa mhux aktar tard mill-5 ta' Frar 2023, tiżviluppa aktar l-istrumenti eżistenti bl-għan li tippreserva l-kredibbiltà u l-importanza strateġika tal-industrija tat-tbaħħir tal-Unjoni, iżżomm u tkompli ssaħħa il-kompetittività tat-tbaħħir tal-UE, filwaqt li tipproteġi l-interessi tal-operat kompetittiv ta' bastimenti li jtajru l-bnadar tal-Istati Membri, kif ukoll tinkoraġġixxi l-bdil tal-bandiera ta' bastimenti għal waħda fir-reġistri tal-bastimenti tal-Istati Membri.
- (12) Dawn il-miżuri huma fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat u, għalhekk, b'mod partikolari bil-ħsieb li tiġi ggarantita l-applikazzjoni uniformi tagħhom fl-Istati Membri kollha, hemm b'zonn ta' azzjoni regolatorja fil-livell tal-Unjoni.
- (13) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 833/2014 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

### Artikolu 1

L-Artikolu 3n tar-Regolament (UE) Nru 833/2014 huwa emendat kif ġej:

(1) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Għandu jkun ipprojbit il-forniment, dirett jew indirett, ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew finanzjament jew assistenza finanzjarja, relatat mal-kummerċ, is-senserija jew it-trasport, inkluż dak permezz ta' trasferimenti minn vapur għal vapur, lejn pajjiżi terzi, ta' żejt maħdum jew prodotti tal-petroleum kif elenkati fl-Anness XXV li joriġinaw mir-Russja jew li jkunu ġew esportati mir-Russja.”;

(2) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“4. Għandu jkun ipprojbit il-kummerċ, is-senserija jew it-trasport, inkluż permezz ta' trasferimenti minn vapur għal vapur, lejn pajjiżi terzi, ta' żejt mhux maħdum li jaqa' taħt il-kodiċi NM 2709 00, mill-5 ta' Diċembru 2022, jew prodotti tal-petroleum li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 2710, mill-5 ta' Frar 2023, kif elenkati fl-Anness XXV, li joriġinaw mir-Russja jew li ġew esportati mir-Russja.”;

(3) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“5. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu għandha tapplika mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-ewwel Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda l-Anness XI għad-Deċiżjoni 2014/512/PESK f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 4p(9) ta' dik id-Deċiżjoni.

Mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' kull Deċiżjoni tal-Kunsill sussegwenti li temenda l-Anness XI għad-Deċiżjoni 2014/512/PESK, il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 4 ta' dan l-Artikolu ma għandhomx japplikaw, għal perjodu ta' 90 jum, għat-trasport ta' prodotti elenkati fl-Anness XXV għal dan ir-Regolament li joriġinaw mir-Russja jew li ġew esportati mir-Russja, u għall-forniment, dirett jew indirett, ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew finanzjament jew assistenza finanzjarja, relatati mat-trasport, sakemm:

- (a) it-trasport, jew l-ġhoti ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew finanzjament jew assistenza finanzjarja b'rabta mat-trasport, ikunu bbażati fuq kuntratt konkluż qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' kull Deċiżjoni tal-Kunsill sussegwenti li temenda l-Anness XI għad-Deċiżjoni 2014/512/PESK; kif ukoll
- (b) il-prezz tax-xiri għal kull barmil ma jkunx qabeż il-prezz stabbilit fl-Anness XXVIII għal dan ir-Regolament fid-data tal-konklużjoni ta' dak il-kuntratt.”;

(4) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“6. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 4 ma għandhomx japplikaw:

- (a) mill-5 ta' Diċembru 2022, fil-każ ta' żejt mhux maħdum li jaqa' taħt il-kodiċi NM 2709 00, u mill-5 ta' Frar 2023, fil-każ ta' prodotti tal-petroleum li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 2710, li joriġinaw mir-Russja jew li ġew esportati mir-Russja dment li l-prezz tax-xiri għal kull barmil ta' dawn il-prodotti ma jaqbix il-prezz stabbilit fl-Anness XXVIII;
- (b) fil-każ ta' żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum kif elenkati fl-Anness XXV meta daww l-oġġetti joriġinaw f'pajjiż terz u jkunu biss qed jitgħabbew fir-Russja, jitolqu minnha jew jgħaddu minnha, dment li kemm l-oriġini kif ukoll is-sid ta' daww l-oġġetti ma jkunux Russi;
- (c) fil-każ ta' trasport, jew assistenza teknika, servizzi ta' senserija, finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati ma' tali trasport, tal-prodotti msemmija fl-Anness XXIX lill-pajjiżi terzi msemmija fih, għat-tul ta' żmien speċifikat f'dak l-Anness;
- (d) mill-5 ta' Diċembru 2022, fil-każ ta' żejt mhux maħdum li jaqa' taħt il-kodiċi NM 2709 00, li joriġina mir-Russja jew li ġie esportat mir-Russja u jkun inxtara bi prezz ogħla minn dak stabbilit fl-Anness XXVIII, li jkun tgħabba fuq bastiment fil-port tat-tagħbija qabel il-5 ta' Diċembru 2022 u li jkun inħatt fil-port tad-destinazzjoni finali qabel id-19 ta' Jannar 2023.”;

(5) il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“7. Fil-każ li, wara d-dħul fis-seħħ ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda l-Anness XI għad-Deċiżjoni 2014/512/PESK, bastiment ikun ittrasporta żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum Russi msemmija fil-paragrafu 4, u l-operatur responsabbli għat-trasport kien jaf jew kellu raġuni raġonevoli li jissuspetta li tali prodotti taż-żejt mhux maħdum jew tal-petroleum kienu nxtraw bi prezz oġġla minn dak stabbilit fl-Anness XXVIII ta' dan ir-Regolament fid-data tal-konklużjoni tal-kuntratt għal tali xiri, għandu jkun ipprojbit li jipprovdi s-servizzi msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu b'rabta mat-trasport taż-żejt mhux maħdum jew tal-prodotti tal-petroleum li joriġinaw mir-Russja jew li huma esportati mir-Russja kif imsemmija fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu minn dak il-bastiment għal 90 jum wara d-data tal-ħatt tal-merkanzija mixtrija li jkollha prezz oġġla mil-limitu massimu tal-prezz.”;

(6) jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

“9. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 4 ma għandhomx japplikaw għat-trasport jew l-ġħoti ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew finanzjament jew assistenza finanzjarja, b'rabta mat-trasport meħtieġ għall-prevenzjoni jew il-mitigazzjoni urġenti ta' avveniment li x'aktarx ikollu impatt serju u sinifikanti fuq is-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem jew l-ambjent, jew bħala reazzjoni għal diżastri naturali, dment li l-awtorità nazzjonali kompetenti tkun ġiet innotifikata immedjatament ladarba l-avveniment ikun ġie identifikat.

10. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jinfurmaw lil xulxin dwar każijiet ta' ksur jew ċirkomvenzjoni tal-projbizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

Kwalunkwe informazzjoni pprovduta jew riċevuta f'konformità ma' dan l-Artikolu għandha tintuża għall-finijiet li għalihom ġiet ipprovduta jew riċevuta, inkluż l-iżgurar tal-effettività tal-miżura.”.

11. Il-funzjonament tal-mekkaniżmu tal-limitu massimu tal-prezzijiet, inkluż l-Anness XXVIII kif ukoll il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 4 ta' dan l-Artikolu, għandu jiġi rieżaminat minn nofs Jannar 2023 u kull xahrejn minn hemm 'il quddiem.

Ir-rieżami għandu jqis l-effettività tal-miżura f'termini tar-risultati mistennija tagħha, l-implimentazzjoni tagħha, l-aderenza internazzjonali u l-allinjament informali mal-mekkaniżmu tal-limitu massimu tal-prezzijiet, u l-impatt potenzjali tagħha fuq l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha. Għandu jwieġeb għall-iżviluppi fis-suq, inkluż it-turbolenzi possibbli.

Sabiex jintlaħqu l-oġġettivi tal-limitu massimu tal-prezzijiet, inkluż il-kapaċità tiegħu li jnaqqas id-dħul tar-Russja miż-żejt, il-limitu massimu tal-prezzijiet għandu jkun mill-inqas 5 % taħt il-prezz medju tas-suq għaż-żejt u l-prodotti petroliferi Russi, ikkalkulat abbażi tad-data pprovduta mill-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija.”.

## Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidhul fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Diċembru 2022.

Għall-Kunsill  
Il-President  
M. BEK

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/2368****tat-3 ta' Diċembru 2022****li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/2369 tat-3 ta' Diċembru 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna <sup>(1)</sup>,

Billi:

- (1) Fil-31 ta' Lulju 2014, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 833/2014 <sup>(2)</sup>.
- (2) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 jaġġi effett lil ċerti miżuri previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/512/PESK <sup>(3)</sup>.
- (3) Id-Deċiżjoni (PESK) 2022/1909 tas-6 ta' Ottubru 2022 introduċiet eżenzjoni mill-projbizzjoni tal-forniment ta' trasport marittimu u mill-projbizzjoni tal-għoti ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew finanzjament jew assistenza finanzjarja, fil-każ tat-trasport marittimu lejn pajjiżi terzi ta' żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum li joriġinaw mir-Russja jew li jiġu esportati mir-Russja, mixtrija bi prezz ekwivalenti għall-prezz massimu, jew orħos minnu, stabbilit minn qabel, miftiehem mill-Koalizzjoni għal-Limitu Massimu tal-Prezzijiet. Dik l-eżenzjoni għandha ttaffi l-konsegwenzi negattivi fuq il-provvista tal-enerġija lil pajjiżi terzi u tnaqqas iż-żieda fil-prezzijiet xprunata minn kundizzjonijiet straordinarji tas-suq, filwaqt li tillimita d-dħul Russu miż-żejt.
- (4) Fit-3 ta' Diċembru 2022, il-Kunsill emenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK biex jintroduċi l-limitu massimu tal-prezz fl-Anness XI tagħha, jiġifieri l-prezz għal kull barmil li meta żejt mhux maħdum jinbiegħ bih, jew b'anqas minnu, ikun eżentat mill-projbizzjoni li jiġi pprovdut trasport marittimu u mill-projbizzjoni li tingħata assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew finanzjament jew assistenza finanzjarja, relatata mat-trasport marittimu lejn pajjiżi terzi.
- (5) Għalhekk, jenħteġ li l-Anness XXVIII tar-Regolament (UE) Nru 833/2014 jiġi emendat skont dan.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness XXVIII tar-Regolament (UE) Nru 833/2014 huwa emendat kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fl-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.<sup>(1)</sup> ĠU L 311 I, 3.12.2022.<sup>(2)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 229, 31.7.2014, p. 1).<sup>(3)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/512/PESK tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 229, 31.7.2014, p. 13).

Dan ir-regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Diċembru 2022.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Ursula VON DER LEYEN

---



## ANNEX

Fl-Anness XXVIII għar-Regolament (UE) Nru 833/2014, qed tiddaħħal it-tabella li ġejja:

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Prezz għal kull barmil (USD)	Data ta' applikazzjoni
2709 00	Żjut minerali (petroleum) u żjut miksubin minn minerali bituminużi, mhux raffinati	60	Il-5 ta' Diċembru 2022

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2022/2369

tat-3 ta' Diċembru 2022

**li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fil-31 ta' Lulju 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/512/PESK <sup>(1)</sup>.
- (2) L-Unjoni tibqa' soda fl-appoġġ tagħha għas-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna.
- (3) Fis-6 ta' Ottubru 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/1909 <sup>(2)</sup>, li introduċiet eżenzjoni mill-projbizzjoni li jiġi pprovdut trasport marittimu u mill-projbizzjoni li tingħata assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew finanzjament jew assistenza finanzjarja, b'rabta mat-trasport marittimu lejn pajjiżi terzi ta' żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum li joriġinaw mir-Russja jew li jiġu esportati minnha, mixtrija bi prezz li jkun ekwivalenti jew anqas minn dak massimu stabbilit minn qabel miftiehem mill-Koalizzjoni għal-Limitu Massimu tal-Prezzijiet. Dik l-eżenzjoni hija maħsuba biex ittaffi il-konsegwenzi negattivi fuq il-provvista tal-enerġija għal pajjiżi terzi u tnaqqas iż-żieda qawwiya f'daqqa fil-prezzijiet ikkawżati minn kondizzjonijiet straordinarji tas-suq, filwaqt li jiġi limitat id-dħul Russu miż-żejt.
- (4) Fid-dawl tas-sitwazzjoni, u b'kont meħud tad-diskussjonijiet fi ħdan il-Koalizzjoni għal-Limitu Massimu tal-Prezzijiet, l-effettività tal-miżura f'termini tar-riżultati mistennija tagħha, l-aderenza internazzjonali mal-mekkaniżmu tal-limitu massimu tal-prezzijiet u l-allinjament informali miegħu, u l-impatt potenzjali tagħha fuq l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, huwa xieraq li jiġi introdott il-limitu massimu tal-prezz għaż-żejt mhux maħdum, jiġifieri l-prezz li għalih, jew inqas minnu, kull barmil li ż-żejt mhux maħdum mir-Russja ikun eżentat mill-projbizzjoni li jiġi pprovdut trasport marittimu u l-projbizzjoni li tingħata assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew finanzjament jew assistenza finanzjarja, relatati mat-trasport marittimu lejn pajjiżi terzi.
- (5) Huwa wkoll xieraq li jiġu introdotti aktar miżuri. B'mod partikolari, huwa xieraq li tiġi ċċarata l-projbizzjoni eżistenti fuq il-kummerċ u s-senserija taż-żejt mhux maħdum jew tal-prodotti tal-petroleum Russi u li tiġi estiża l-eżenzjoni tal-limitu massimu tal-prezz meta tali oġġetti jiġu nnegożjati bil-limitu massimu tal-prezz jew inqas minnu.
- (6) Huwa xieraq ukoll li jiġi estiż il-perjodu ta' tranżizzjoni applikabbli għat-trasport taż-żejt mhux maħdum u ta' ċerti prodotti tal-petroleum wara kull bidla sussegwenti fil-limitu massimu tal-prezz għal perjodu ta' 90 jum għall-forniment, dirett jew indirett, ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew finanzjament jew assistenza finanzjarja, relatati mat-trasport, soġġett għall-istess kondizzjonijiet. Din il-miżura hija neċessarja biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni konsistenti tal-limitu massimu tal-prezzijiet mill-operaturi kollha.
- (7) Huwa xieraq ukoll li jiġi introdott perjodu tranżitorju ta' 45 jum għall-bastimenti li jgħorru żejt mhux maħdum li joriġinaw mir-Russja, li kien mixtri u mgħobbi fuq il-bastiment qabel il-5 ta' Diċembru 2022 u li jinħatt fl-aħħar port ta' destinazzjoni qabel id-19 ta' Jannar 2023.

<sup>(1)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/512/PESK tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 229, 31.7.2014, p. 13).

<sup>(2)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1909 tas-6 ta' Ottubru 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 259I, 6.10.2022, p. 122).

- (8) Barra minn hekk, huwa xieraq li jiġi ċċarat li l-projbizzjoni li jiġu pprovduti servizzi relatati mat-trasport taż-żejt mhux maħdum Russu jew prodotti tal-petroleum Russi minn bastiment li jtajar bandiera ta' pajjiż terz tapplika fir-rigward ta' bastimenti li fil-passat ittrasportaw tali oġġetti mixtrija ogħla mil-limitu massimu tal-prezz, dment li l-operatur responsabbli għal dak it-trasport kien jaf jew kellu raġuni valida biex jissuspetta li dan kien il-każ. Dan hu neċessarju sabiex tiġi ggarantita ċ-ċertezza legali.
- (9) Huwa xieraq li tiġi introdotta eżenzjoni mill-projbizzjoni li jiġi pprovdut trasport marittimu u mill-projbizzjoni li tingħata assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew finanzjament jew assistenza finanzjarja, b'rabta mat-trasport marittimu lejn pajjiżi terzi, fejn ikun neċessarju għall-prevenzjoni jew il-mitigazzjoni urġenti ta' xi avveniment li x'aktarx ikollu impatt serju u sinifikanti fuq is-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem jew l-ambjent, jew bħala reazzjoni għal diżastri naturali.
- (10) Fl-aħħar nett, huwa xieraq li jiġi introdott rieżami regolari tal-mekkaniżmu tal-limitu massimu tal-prezzijiet biex titqies l-effettività tal-miżura f'termini tar-riżultati mistennija tagħha, l-implimentazzjoni tagħha, l-aderenza internazzjonali mal-mekkaniżmu tal-limitu massimu tal-prezzijiet u l-allinjament informali miegħu, u l-impatt potenzjali tagħha fuq l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, u biex twieġeb għall-iżviluppi fis-suq, inkluż it-turbolenzi possibbli. Tali rieżami jeħtieġ li jqis l-oġġettivi tal-limitu massimu tal-prezzijiet, inkluż il-kapaċità tiegħu li jnaqqas id-dħul tar-Russja miż-żejt, kif ukoll il-prinċipju li l-limitu massimu tal-prezz għandu jkun mill-inqas 5 % taħt il-prezz medju tas-suq għaż-żejt u l-prodotti petroliferi Russi. Il-prezz medju tas-suq għandu jiġi kkalkulat f'kooperazzjoni mal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija. Kwalunkwe kunsiderazzjoni li potenzjalment taffettwa l-funzjonament u t-termini tal-limitu massimu tal-prezzijiet titressaq fi ħdan il-Koalizzjoni għal-Limitu Massimu tal-Prezzijiet, wara diskussjoni fil-Kunsill. Sabiex l-iżviluppi tas-suq jiġu evalwati fil-ħin, jenħtieġ li rieżami bħal dan jitwettaq minn nofs Jannar 2023 u jenħtieġ li l-Kunsill jerġa' lura għall-kwistjoni kull xahrejn minn hemm 'il quddiem.
- (11) B'kont meħud taċ-ċirkostanzi attwali, li huma ta' sfida għall-kompetittività tal-industrija tat-tbaħħir tal-UE, kif ukoll tal-fatt li l-industrija tat-tbaħħir hija settur tal-ekonomija li qed jirkupra bil-mod, il-Kummissjoni għandha l-intenzjoni li tadotta b'mod urġenti miżuri ta' appoġġ xierqa, inkluż billi, sa mhux aktar tard mill-5 ta' Frar 2023, tiżviluppa aktar l-istrumenti eżistenti bl-għan li tippreserva l-kredibbiltà u l-importanza strateġika tal-industrija tat-tbaħħir tal-Unjoni, iżżomm u tkompli ssaħħa il-kompetittività tat-tbaħħir tal-UE, filwaqt li tipproteġi l-interessi tal-operat kompetittiv ta' bastimenti li jtajru l-bnadar tal-Istati Membri, kif ukoll tinkoraġġixxi l-bdil tal-bandiera ta' bastimenti għal waħda fir-reġistri tal-bastimenti tal-Istati Membri.
- (12) Tenħtieġ aktar azzjoni mill-Unjoni biex ċerti miżuri jiġu implimentati.
- (13) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2014/512/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2014/512/PESK hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 4p huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Għandu jkun ipprojbit il-forniment, dirett jew indirett, ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew finanzjament jew assistenza finanzjarja, relatat mal-kummerċ, is-senserija jew it-trasport, inkluż dak permezz ta' trasferimenti minn vapur għal vapur, lejn pajjiżi terzi ta' żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum li joriġinaw mir-Russja jew li jkunu ġew esportati mir-Russja.";

(b) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Għandu jkun ipprojbit il-kummerċ, is-senserija jew it-trasport, inkluż permezz ta' trasferimenti minn vapur għal vapur, lejn pajjiżi terzi, ta' żejt mhux maħdum li jaqa' taħt il-kodiċi NM 2709 00, mill-5 ta' Diċembru 2022, jew ta' prodotti tal-petroleum li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 2710, mill-5 ta' Frar 2023, kif elenkati fl-Anness XXV għar-Regolament (UE) Nru 833/2014, li joriġinaw mir-Russja jew li ġew esportati mir-Russja.";

(c) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“5. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu għandha tapplika mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-ewwel Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda l-Anness XI f'konformità mal-punt (a) tal-paragrafu 9 ta' dan l-Artikolu.

Mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' kull Deċiżjoni tal-Kunsill sussegwenti li temenda l-Anness XI għal din id-Deċiżjoni, il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 4 ta' dan l-Artikolu ma għandhomx japplikaw, għal perjodu ta' 90 jum, għat-trasport ta' prodotti elenkati fl-Anness XXV għar-Regolament (UE) Nru 833/2014 li joriġinaw mir-Russja jew li ġew esportati mir-Russja, u għall-forniment, dirett jew indirett, ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew finanzjament jew assistenza finanzjarja, relatati mat-trasport, sakemm:

- (a) it-trasport jew il-forniment ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew finanzjament jew assistenza finanzjarja, b'rabta mat-trasport ikunu bbażati fuq kuntratt konkluż qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' kull Deċiżjoni tal-Kunsill sussegwenti li temenda l-Anness XI għal din id-Deċiżjoni; u
- (b) il-prezz tax-xiri għal kull barmil ma kienx jaqbeż il-prezz stabbilit fl-Anness XI għal din id-Deċiżjoni fid-data tal-konklużjoni ta' dak il-kuntratt.”;

(d) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“6. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 4 ma għandhomx japplikaw:

- (a) mill-5 ta' Diċembru 2022, għaż-żejt mhux maħdum li jaqa' taħt il-kodiċi NM 2709 00, u mill-5 ta' Frar 2023, għall-prodotti tal-petroleum li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 2710, li joriġinaw mir-Russja jew li ġew esportati mir-Russja, dment li l-prezz tax-xiri għal kull barmil ta' dawn il-prodotti ma jaqbiż il-prezzijiet stabbiliti fl-Anness XI għal din id-Deċiżjoni;
- (b) għaż-żejt mhux maħdum jew il-prodotti tal-petroleum kif elenkati fl-Anness XXV għar-Regolament (UE) Nru 833/2014 meta dawn l-oġġetti joriġinaw minn pajjiż terz u jkunu biss qed jitgħabbew mir-Russja, jitolqu minnha jew jgħaddu minnha, dment li kemm l-oriġini kif ukoll is-sid ta' dawn l-oġġetti ma jkunux Russi;
- (c) għat-trasport, jew għall-assistenza teknika, is-servizzi ta' senserija, il-finanzjament jew l-assistenza finanzjarja marbuta ma' dan it-trasport, tal-prodotti msemmijin fl-Anness XII għal din id-Deċiżjoni lejn il-pajjiżi terzi msemmija fih, għat-tul taż-żmien speċifikat f'dak l-Anness;
- (d) mill-5 ta' Diċembru 2022, fil-każ ta' żejt mhux maħdum li jaqa' taħt il-kodiċi NM 2709 00, li joriġina mir-Russja jew li ġie esportat mir-Russja u jkun inxtara bi prezz ogħla minn dak stabbilit fl-Anness XI għal din id-Deċiżjoni li jitgħabba fuq bastiment fil-port tat-tagħbija qabel il-5 ta' Diċembru 2022 u jinħatt fil-port tad-destinazzjoni finali qabel id-19 ta' Jannar 2023.”;

(e) il-paragrafu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“8. Fil-każ li, wara d-dħul fis-seħħ ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda l-Anness XI, bastiment ikun ittrasporta ż-żejt mhux maħdum jew il-prodotti tal-petroleum Russi msemmija fil-paragrafu 4, u l-operatur responsabbli għat-trasport kien jaf jew kellu raġuni raġonevoli li jissuspetta li tali żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum kienu nxtaw bi prezz ogħla mill-prezz stabbilit fl-Anness XI fid-data tal-konklużjoni tal-kuntratt għal tali xiri, għandu jkun ipprobit li jiġu pprovduti s-servizzi msemmija fil-paragrafu 1 b'rabta mat-trasport ta' żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum li joriġinaw mir-Russja jew li jiġu esportati mir-Russja kif imsemmija fil-paragrafu 4 minn dak il-bastiment għal 90 jum wara d-data tal-ħatt tal-merkanzija mixtrija bi prezz ogħla mil-limitu massimu tal-prezz.”;

(f) jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

“10. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 4 ma għandhomx japplikaw għat-trasport jew għall-forniment ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew finanzjament jew assistenza finanzjarja, b'rabta mat-trasport neċessarju għall-prevenzjoni jew il-mitigazzjoni urġenti ta' avveniment li x'aktarx ikollu impatt serju u sinifikanti fuq is-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem jew l-ambjent, jew bħala reazzjoni għal diżastri naturali, dment li l-awtorità nazzjonali kompetenti tkun għet innotifikata immedjatament ladarba l-avveniment ikun ġie identifikat.

11. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jinfurmaw lil xulxin dwar każijiet ta' ksur jew ċirkomvenzjoni tal-projbizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

Kwalunkwe informazzjoni pprovduta jew riċevuta f'konformità ma' dan l-Artikolu għandha tintuża għall-finijiet li għalihom ġiet ipprovduta jew riċevuta, inkluż l-iżgurar tal-effettività tal-miżura.

12. Il-funzjonament tal-mekkaniżmu tal-limitu massimu tal-prezzijiet, inkluż l-Anness XI kif ukoll il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 4 ta' dan l-Artikolu, għandu jiġi rieżaminat minn nofs Jannar 2023 u kull xahrejn minn hemm 'il quddiem.

Ir-rieżami għandu jqis l-effettività tal-miżura f'termini tar-riżultati mistennija tagħha, l-implimentazzjoni tagħha, l-aderenza internazzjonali u l-allinjament informali mal-mekkaniżmu tal-limitu massimu tal-prezzijiet, u l-impatt potenzjali tagħha fuq l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha. Għandu jwieġeb għall-iżviluppi fis-suq, inkluż it-turbolenzi possibbli.

Sabiex jintlaħqu l-oġġettivi tal-limitu massimu tal-prezzijiet, inkluż il-kapaċità tiegħu li jnaqqas id-dħul tar-Russja miż-żejt, il-limitu massimu tal-prezzijiet għandu jkun mill-inqas 5 % taħt il-prezz medju tas-suq għaż-żejt u l-prodotti petroliferi Russi, ikkalkulat abbażi tad-data pprovduta mill-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija.”.

(2) L-Anness XI huwa emendat kif jinsab fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

#### *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Diċembru 2022.

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*  
M. BEK

## ANNEX

Fl-Anness XI għad-Deċiżjoni 2014/512/PESK tizzied it-tabella li ġejja:

"Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Prezz għal kull barmil (USD)	Data ta'applikazzjoni
2709 00	Żjut tal-petroleum u żjut miksubin minn minerali bituminużi, mhux maħdumin	60	5 ta' Diċembru 2022"



ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)  
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)